DH 1624/2026

Ċirkulari Nru HR/ODPM/45/2026

Direttorat tal-People Management
Uffiċċju tad - Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa
15, Palazzo Castellania
Triq Merkanti
Valletta, VLT1171.

Data: 13 ta' Novembru 2026

Segretarji Permanenti
Diretturi Ġenerali
Diretturi
Il-Kapijiet ta' Organizzazzjonijiet tas-Settur Pubbliku

Espressjoni ta' Interess minn fost l-Uffiċjali Pubbliċi fil- grad ta' Konsulent biex jiġu assenjati dmirijiet bħala Deputat Ċerpersin Kliniku għad-Dipartiment tal-Ispeċjalitajiet Kiruriċi fl-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa

1. F'konformità mal-kunċett tal-mobilità tal-impjiegi, li jsaħħaħ l-esperjenza tat-tagħlim tal-individwu filwaqt li jindirizza l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku, is-Segretarju Permanenti, fi ħdan l-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa qiegħed ifittex li jidentifika Uffiċjali Pubbliċi adatti biex iwettqu dmirijiet kif imsemmija hawn fuq, għal perjodu ta' tlett (3) snin,soġġett għal prestazzjoni sodisfaċenti.

2. Il-kandidati magħżula għandhom, għall-perjodu li matulu jiġu assenjati tali dmirijiet, iwieġbu liċ-Chairperson Kliniku tad-Dipartiment tal-Ispeċjalitajiet Kirurġiċi.

3. Il-prestazzjoni f'dawn id-dmirijiet tiġi wkoll rikonoxxuta fir-Record of Service (GP47).

Termini u Kundizzjonijiet

4.1 Il-kandidat magħżul ikun meħtieġ jaħdem żewġ (2) sessjonijiet amministrattivi fuq il-post fil-ġimgħa biex iwettaq dmirijiet bħala Deputat Ċerpersin Kliniku fid-Dipartiment tal-Ispeċjalitajiet Kirurġiċi.

4.2 Il-kandidat magħżul jibbenefika mill-pakkett ta' remunerazzjoni tal-Konsulenti, b'rimunerazzjoni addizzjonali skont il-Ftehim Settorjali għaż-żewġ (2) sessjonijiet amministrattivi fuq il-post imsemmija fil-paragrafu 4.1. Il-kandidat magħżul jerġa' jibda jwettaq id-dmirijiet tal-grad sostantiv tiegħu ladarba tintemm l-assenjazzjoni tiegħu għal dawn id-dmirijiet.

Dmirijiet

5.1 L-uffiċjali eliġibbli huma b'hekk mistiedna jesprimu l-interess tagħhom biex jiġu assenjati dmirijiet relatati mal-kariga msemmija hawn fuq.

5.2 Id-dmirijiet huma deskritti fl-Anness A mehmuż ma' din iċ-Ċirkolari.

5.3 Uffiċjali li jinsabu f'arranġamenti ta' sekondar, self, assenjazzjoni jew skjerament ma' Organizzazzjonijiet tas-Settur Pubbliku, u li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà meħtieġa, jistgħu wkoll japplikaw.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

6. Sad-Data u il-Ħin ta' l-għeluq ta din l-Espressjoni ta' Interess, l-applikanti jridu jkunu fil-grad ta' Konsulent fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, taħt Kuntratt A jew Kuntratt B, u jrid ikollhom mill-inqas ħames (5) snin ta' esperjenza speċjalizzata f'waħda mill-ispeċjalitajiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tad-Dipartiment tal-Ispeċjalitajiet Kirurġiċi, jiġifieri l-Otorinolaringoloġija (ENT); il-Kirurġija Pedjatrika; il-Kirurġija Plastika; il-Kirurġija Orali u Maxillofaċjali u l-Uroloġija.

7.1. L-applikanti eliġibbli se jintalbu jattendu għal intervista biex jiġi evalwat jekk humiex adatti għal dawk id-dmirijiet li huma esprimew interess fihom.

7.2. Kwalunkwe kwalifika u esperjenza ddikjarata trid tkun sostnuta minn ċertifikati u/jew testimonjanzi; kopji ta' dawn għandhom jiġu annessi mas-sottomissjoni tal-Uffiċjal.

7.3. Iċ-ċertifikati u/jew it-testimonjanzi oriġinali jridu dejjem jiġu ppreżentati għall-verifika waqt l-intervista.

8. Ir-riżultat tal-proċess tal-għażla jintbagħat permezz ta' e-mail lill-kandidati li jkunu għamlu l-intervista.

9.Petizzjonijiet li joġġezzjonaw għar-riżultat tal-proċess tal-għażla għandhom jaslu għand id-Direttorat tal-People Managment fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

Sottomissjoni ta' l-Applikazzjoni

10. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttorat tal - People Management, Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa, permezz tal-Portal ta' Reklutaġġ tal-Gvern onlajnbiss fuq https://recruitment.gov.mt. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki miksuba mill-applikant/a). Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet. Fil-każ ta' impjegati tas-Settur Pubbliku li huma ssekondati mas-Servizz Pubbliku jew ħaddiema tal-RSSL, l-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet għandu jagħmel talba għal rapport ta' kwalunkwe perjodu ta' xogħol b'sigħat imnaqqsa jew fuq bażi part-time, leave mingħajr ħlas inkluż leave tal-mard mhux imħallas u/jew kwalunkwe perjodu ta' assenza mid-dmirijet tagħhom, kif ukoll rapport ta' xi azzjonijiet dixxiplinarji (fl-assenza ta' tali rapport jiġi mifhum li qatt ma ttieħdet azzjoni dixxiplinarja). Fil-każ ta' impjegati tas-Settur Pubbliku li huma ssekondati mas-Servizz Pubbliku, l-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet għandu jagħmel talba għal konferma mingħand id-Direttur responsabbli mill-Immaniġġjar tan-nies tal-Ministeru (fejn l-applikanti qed iwettqu d-dmirijiet) li huma qegħdin uffiċjalment iwettqu d-dmirijiet f'dak il-Ministeru.

11. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 **pm (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il- Ġimgħa, 27 ta' Novembru, 2026.** Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provedimenti ġenerali , li jistgħu jiġu aċċessati fl-indirizz https://peopleandstandards.gov.mt/media/PDFs/Resourcing/GenProvs/GeneralProvisions_MT.pdf

12. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

13. Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

14. Applikanti jingħataw sa jumejn xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

15. L-Uffiċjali magħżula jridu jiffirmaw dokument li jixhed l-impenn tagħhom lejn l-assenjament li ntgħażlu biex jagħmlu.

Dr. Renzo De Gabriele
Segretarju Permanenti

Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa